# BIS-SAĦĦA TAS-SEFTURA TIŻFEN IL-QATTUSA

"Ħajjin! ħajjin!" għajjat Bertu min-nofs it-triq. "Ħajjin, ħajjin." Bertu kien raġel twil, b'ħanġra donnha ta' baqra, iżda għalkemm fti' żorr, jaf imur ma min ma jiġġebbidx miegħu. Kullħadd kien jafu, u hu u għaddej it-tfal kollha kienu jgħajtu: Bertu, Bertu tini ċawla." Dejjem b'libsa waħda, dejjem b'leħen wieħed, Bertu kien jagħirfu kullħadd; ma kienx hemm wieħed bħalu. B'qalziet isfar u sidrija kaħla tal-fustan bil-but tan-naħa tal-lemin dejjem mimli bil-flus, b'beritta mmejla fuq widintu, kawwara kbira fuq rasu, u kavetta daqsiex mimlija lampuki. "Ħajjin! Ħajjin! għadhom jinqabdu! ħajjin!"

Is-sinjura Karm semgħetu. "Roż" qalet lis-seftura "ejja kompli ifrex is-sodod, għax minn għalija smajt il-Bertu tal-ħut.

"Minn għalija smajtu jiena wkoll." wieġbet Rożi, waqt li marret biex tagħmel dak li qaltilha s-sinjura Karm.

Is-sinjura Karm kienet tħobbha lil Rożi, għax xebba tajba, moħħha biss fid-dar, u, għalkemm dgħajjef tgħinha f'ħafna ħwejjeġ iżda fix-xiri Rożi ma kienet togħġobha xejn lis-sinjura Karm għax ma kienitx tal-qatgħa. Tieħu kull ma jtuha, ħażin jew tajjeb u mhux l-ewwel darba li ħadet laħam u ħut jinten lis-sinjura, u fuq kollox ma kenitx taf tiġġebbed, tati kemm jitolbuha. Is-sinjura Karm ma kenitx xħiħa, iżda ma riditx ittajjar flusha għar-riħ bla xita. Għalxejn tgħid u tarġa tgħid, Rożi ma kinet titgħallem qatt u qatt. Għalhekk kellha titqanna u toħroġ hi għax-xiri.

Malli semgħet lil Bertu, telqet kollox minn idejha, fetħet il-bieb u ħarġet fuq l-għatba. Bertu ntebaħ biha, iżda bla ma dawwar wiċċu lejha, bħallikieku irid igħidilha li m'għandux bżonnha, ta daqqa ta' għajn minn taħt u reġa' għajjat:

"Ħajjin! għadhom jinqabdu, ħajjin!"

Is-sinjura Karm kienet tħobb tixtri minn għandu għax il-biċċa l kbira kien ikollu ħut frisk. Bertu min-naħa l-oħra kien iħobb ibegħilha wkoll, għax is-sinjura Karm, ma kinetx tiġġebbed ħafna, ħafna, u Bertu kien draha, għalhekk kien dejjem jitlobha xi ħaġa aktar minn ħaddieħor. Iżda s-sinjura Karm kienet tħobb tpaċpaċ wisq, u mhux darba u tnejn kienet iżżommu jitkellem u ttellfu l-bejgħ, għax bejjiegħa oħra kienu jilħqu qablu.

"X'għandek, Bert, lampuki, biss illum?" qaltlu is-sinjura Karm. "Lampuki llum, sinjura għadni ġej minn Wied-iż-Żurrieq. Friski tassew, għadhom ġejjin" wieġeb Bertu, waqt li niżżel il-kavetta minn fuq rasu, u qegħidha fl'art. Neħħa l-miżien minn ġe' l-kavetta, xaqleb l-ixkora mxarrba bl-ilma baħar, neħħa il-ħaxix, minn fuq il-ħut u ħarġet rieħa ta' ħut frisk li taqsam. Kienu sbieħ tassew il-lampuki ta' Bertu, għajnejhom ileqqu, b'garġi ħomor daqs in-nar ħerġin minn ħalqhom, fi ftit kliem kienu lampuki sbieħ tassew.

"Waħda ta' tlet kwarti, irrid Bert" qaltlu s-sinjura Karm, "għax żewġi ħareġ kmieni, u naħseb li jiġi f'nofs-in-nhar b'ġugħ klubi."

"Taħseb xejn, sinjura, l'isbaħ waħda natik" qallha Bertu, għax kien jaf jimpustura hu wkoll. Qabad lampuka, u tefagħha fil-miżien. "Tlet kwarti w uqija, ma teħodhiex, sinjura Karm?"

"Nieħodha, mela ma nieħodhiex!" wieġbet is-sinjura, iżda fil-miżien ta' Bertu ma kinetx tafda wisq, għax kien iħobb imejlu daksxejn.

"Ħa, Roż," qalet is-sinjura Karm lis-seftura, li kienet qegħda warajha taraha tixtri "mur iżinha fil-miżien tagħna" Rożi qabdet il-lampuka u daħlet ġewwa.

"Hawn mnejn ġejja, Marì, dalgħodu" qalet is-sinjura Karm lil Marì li f'dak il-ħin kienet għaddejja minn quddiemha.

"Ma tarax? mill-knisja; mort nisma' quddiesa. Inti kif int? Intix tajba?"

"M'iniex ħażin. Isma Marì, ridt nistaqsik xi ħaġa. Ilu xi sitt xhur kont smajt li t-tifel tiegħek tgħarras, u ilu xi jumejn smajt li kollox tar mar-riħ, u 'l-ġara qaltli fuq dota u mhux dota; u praspar bħal dawn. X'kienet il-biċċa sew, Marì?" Marì bdiet ittaqtaq u s-sinjura Karm tisma.

Marì u s-sinjura Karm kienu ħbieb ħafna, għax qabel ma

s-sinjura Karm iżżewġet, kienu joqogħdu ma ġemb xulxin u kull fl-għaxija kienu jqattgħu sagħtejn ipaċpċu. Imbagħad is-sinjura Karm iżżewġet, u marret toqgħod f'dar oħra, iżda baqgħu ħbieb, u mita kienu jintaqgħu, kien fihom għors. Kienu jaqalgħu l-qexx u l-mexx u erħiilhom jitkellmu u jgħidu ġrajjiethom. U dik il-għodwa Marì bdiet tgħid xi ġralu binha Majsi.

Bertu baqa' jistenna, imma l-lampuka baqgħet ġewwa, u s-sinjura Karm ma semmietx flus "Il-lampuka, sinjura Karm, il-lampuka" beda jgħid Bertu, iżda s-sinjura Karm, moħħa kien biss f'Marì. Għaddew għaxar minuti, jew aktar, u l-lampuka għadha ma ġietx. Fl-aħħar telgħulu: "Sinjura Karm, il-lampuka sa teħodha jew lè? Dik id-dinja ta' seftura fejn marret biha?

Is-sinjura Karm ftakret: "Roż, Roż, ġib dik il-lampuka, mela sa tibqa hemm ġew? ħallejt lil Bertu jistenna." Imma Rożi kienet qegħda fuq il-bejt, tperreċ il-ħwejjeġ li kienu baqgħulha niedja l-lejla ta' qabel. Il-lampuka kienet qegħditha fil-miżien u ħallietha hemm. Is-sinjura Karm biex ma tniżżilhiex minn fuq il-bejt, sellmet lil Marì, u daħlet biex iġġibha hi, u fl-istess ħin issaqsi lil Rożi mill-bitħa kemm kien fiha il-lampuka. Daħlet fil-kċina, u x'ma ħassetx ġewwa fiha meta rat il-karta tal-lampuka fil-miżien, u 'l qattus tagħha, qattus daqsiex iswed tuta jilgħaq xuftejh u jħares lejha donnu jrid jidħak biha.

Imsejkna sinjura Karm, kellha tati xelin-u-nofs lil Bertu tal-lampuka, u fuq kollox tibqa mingħajrha.

G. Pace